*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,318, 24 ta' Settembru, 2024*
*Taqsima B*

**A.L. 233 tal-2024**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP. 549)**

**Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta' Speċi Nazzjonali)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta' Speċi Nazzjonali) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Speċi Protetti (Dikjarazzjoni ta' Speċi Nazzjonali), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". Titolu. L.S. 549.120.

**2.** Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "eżemplari" għandha tiġi emendata kif ġej: Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

(a) il-kliem "ta' dawk l-ispeċi;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' dawk l-ispeċi:"; u

(b) minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda t-terminu "eżemplari" fir-rigward ta' *Apis mellifera ruttneri* jirreferi għal kolonja ta' naħal."

**3.** Il-paragrafu (ċ) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej: Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

"(ċ) tipprevjeni l-introduzzjoni, tikkontrolla jew teqred dawk l-ispeċi aljeni invażivi li jistgħu jheddu l-Ispeċi Nazzjonali, diment li tali miżuri ma jaffetwawx b'mod ħażin kwalunkwe speċi użata għall-apikultura; u".

**4.** Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej: Jissostitwixxi r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

"Permessi fir-rigward ta' speċi elenkati fl-Iskeda I. 10. Kwalunkwe valutazzjoni mwettqa jew permess maħruġ mill-awtorità kompetenti skont ir-regolamenti rilevanti għandhom jitqiesu bħala maħruġa taħt dawn ir-regolamenti:

S.L. 36.36.
S.L. 549.44

Iżda kwalunkwe reġistrazzjoni skont ir-Regolamenti dwar it-Trobbija tan-Naħal li tinvolvi, *inter alia*, l-użu tal-Insett Nazzjonali kif imsemmi fl-Iskeda I(b), għall-produzzjoni ta' għasel, ħalib in-naħal, żaftura, xama' tan-naħal jew prodotti oħra relatati man-naħal tal-għasel, għandha titqies bħala permess validu għall-*Apis mellifera ruttneri* taħt dawn ir-regolamenti u taħt ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Ambjenti Naturali.".

Jissostitwixxi l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**5.** L-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

**"SKEDA I**
SPEĊI NAZZJONALI TAL-GŻEJJER MALTIN

Skeda I(a): Speċi Nazzjonali (Għasafar)

| **ISEM XJENTIFIKU** | **ISEM BIL-MALTI** | **ISEM BL-INGLIŻ** | **SPEĊI NAZZJONALI** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| *Monticola solitarius* | Il-Merill; Iċ-Ċikkudiddiju | Blue Rock Thrush | Għasfur Nazzjonali |

Skeda I(b): Speċi Nazzjonali (bl-eċċezzjoni ta' għasafar)

| **ISEM XJENTIFIKU** | **ISEM BIL-MALTI** | **ISEM BL-INGLIŻ** | **SPEĊI NAZZJONALI** |
|---|---|---|---|
| | | | |
| *Aphanius fasciatus* | Il-Bużaqq | Mediterranean Killifish | Ħuta Nazzjonali |
| *Apis mellifera ruttneri* | In-Naħla ta' Malta; In-Naħla Maltija | Maltese Honey Bee | Insett Nazzjonali |
| *Palaeocyanus crassifolius* (=*Cheirolophus crassifolius*) | Widnet il-Baħar | Maltese Rock-Centaury | Pjanta Nazzjonali |
| *Potamon fluviatile lanfrancoi* | Il-qabru; Il-Granċ tal-Ilma Ħelu | Maltese Freshwater Crab | Krustaċju Nazzjonali |
| *Tetraclinis articulata* (=*Callitris quadrivalvis*) | L-Għargħar; Is-Siġra tal-Għargħar | Arar Tree: Alerce; Sandarac Gum Tree | Siġra Nazzjonali |

".